

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

DIRETTORAT ĠENERALI – POLITIKA INTERNA

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Mistoqsija Orali nru. 13/6/2007 mis-Sinjura Avril Doyle u mis-Sur John Bowis

Skond ir-Regola 187 tar-Regoli tal-Proċedura, jekk jogħġgbok sib hawn taħt mistoqsija orali lill-Kummissjoni.

Suġġett: ‘Trans-fats’ (żjut veġetali li jiġu ttrattati bl-idroġenu sabiex ikollhom konsistenza iktar solida u skadenza iktar fit-tul)

Taqbel il-Kummissjoni li hemm ħtieġa urgħenti li jkun indirizzat in-nuqqas kurrenti tal-leġiżlazzjoni fuq livell Ewropew sabiex iċ-ċittadini jitħarsu mir-riskji kbar tas-saħħha imposti minn ‘trans-fatty acids’ (aċċi mxaħħmin li ġew ipproduċuti permezz ta’ l-idroġenizzazzjoni ta’ aċċi mxaħħmin mhux saturati) (żjut li saritilhom idroġenizzazzjoni b’mod parzjali)?

Kif il-Kummissjoni tiproponi li tiżviluppa metodu bħal dan tal-Komunità għall-problema tat-‘trans-fats’?

Bosta studji wrew li t-‘trans-fats’ huma bil-qabda l-iktar tip perikoluż ta’ xaħam, iktar aghħar minn xaħam saturat. ‘Trans fats’ jikkawżaw li jitbaxxa b’mod sinifikanti u serju l-kolesterol (‘tajjeb’) tal-HDL (Lipoproteina b’Densità Għolja) u li jiżdied b’mod sinifikanti u serju l-kolesterol (‘ħażin’) tal-LDL (Lipoproteina b’Densità Baxxa), u għaldaqstant dan jikkawża varjetà ta’ problemi koronarji u cirkulatorji tas-saħħha.

Filwaqt li t-‘trans-fats’ jinħolqu b’mod naturali f’ammonti żgħar f’ċertu ikel bħal prodotti tal-ħalib, il-kaboċċa jew il-piżelli, dawn jinħolqu wkoll permezz ta’ l-idroġenizzazzjoni parzjali ta’ żjut veġetali.

Huwa dan il-proċess li huwa ta’ tħassib partikolari. Idroġenizzazzjoni parzjali hija proċess industrijali użat sabiex iż-żejt isir iktar solidu, jipprovd i skadenza itwal għall-qali għal żjut għas-sajran u joħloq ċerti sensazzjonijiet f’ikel ipproċessat jew sabiex itawwal l-iskadenza ta’ prodotti tal-ħelu u tal-forn.

'Trans fatty acids' ipproċessati b'mod industrijali preżenti fil-gallettini, f'bars ċereali, f'torti, f'kejkijiet, f'ikel ta' l-għażina, f'fast foods', eċċ. infatti jistgħu jitnaqqsu jew aħjar jitneħħew għal kollox b'mod relattivament ħafif.

Xi produtturi u stabbilimenti simili ta' 'fast food' digħà qegħdin jieħdu passi sabiex jillimitaw il-preżenza ta' 'trans-fats' fil-prodotti tagħhom.

Leġiżlazzjoni jew li tipprojbixxi jew li tirrestrinġi b'mod sever l-użu ta' 'trans fats' teżisti fid-Danimarka, fi Franza u fil-Kanada filwaqt li fl-Istati Uniti ta' l-Amerka l-kontenut ta' 'trans fats' fl-ikel għandu jkun inkluż fuq it-tikketti kollha. Għandna bżonn ta' metodu simili fuq livell Ewropew sabiex neliminaw l-użu ta' 'trans-fats' għal kulħadd bla eċċezzjoni fl-Istati Membri kollha. Bħalissa m'hemm ebda leġiżlazzjoni speċifika tal-komunità dwar it-'trans-fats'.

l-24 ta' April 2007